KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 463 (9-6)

It-Tnejn 29 t'Ottubru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia (daħlet fis-6.40pm)
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal fis-6.53pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**463.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**463.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**463.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 462. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument.

**463.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**463.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**463.3.1** Is-Sindku qal li b'koordinament bejn ir-reġjun Punent u d-dekasteru tal-Kultura ser jiġi organizzat kors ta' sitt sezzjonijiet għal persuni minn ħmistax -il sena 'l fuq, dwar kif tibni presepju mill-presipist Brian Cachia. Il-Kors ser isir fiċ-ċentru ċiviku tas-Siġġiewi mingħajr ħlas. Kien hemm qbil li tinġabar €20 mill-applikanti bħala donazzjoni għad-Dar tal-Providenza.

**463.3.2** Is-Sindku informa li din is-sena, il-Kunsill jista' jiprovdi is-servizz ta' tabib biex ir-residenti jirċievu tlett vaċċini provduti mill-gvern fil-lokalita' minflok ma jmorru iċ-ċentru tas-saħħa ta' Ħal Qormi. Hu qal li sar komunikat ma' tabib lokali biex isir il-koordinament meħtieġ, imħallas mill-Kunsill. Qal li l-kunsill talab lid-Dipartiment tal-Kura primarja biex jiprovdi l-aċċess tal-berġa tal-lokal biex l-injections, permezz tat-tabib jiġu amministrati minn hemm, iżda rċieva risposta negattiva. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li la fil-lokal haw berġa, l-injection biex xieraq tingħata hemm. Is-Sindku qal li għandna nitolbu l-assistenza tas-SP tal-Anzjanita' Attiva, fil-laqgħa li hemm il-ġimgħa d-dieħla. Il-Kunsilliera qablu dwar dan.

**463.3.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**463.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**463.5.1** Il-Viċi Sindku qal li laqqa' s-Sotto-Kumitat Wort Storiku u Kutura. Qal li ġew ordnati erba' 'globi' neqsin kif kienu oriġinarjament tal-monument Citta' Ferdinand li jinsab fi Triq Pietru Mallia. Qed isiru kuntatti u riċerka dwar l-istatwa ta' San Pawl biex tinġieb stima għall-intervent li hemm bżonn. Qed isir kuntatt wkoll dwar id-dawl mal-istatwa ta' San Nikola tal-Pjazza. Hu qal li bħalissa qed jikkordina mar-reġjun il-kors tal-presepji kif issemma qabel.

**463.5.2** Il-Viċi Sindku propona l-ismijiet ta' persuni biex ikunu fid-dekasteru tat-turiżmu. Hu qal li dawn huma persuni intiżi fil-qasam: Josianne Schembri gwida turistika, Anson Aquilina intiż fit-turiżmu u Karl Aquilina li għamel teżi dwar touristic trail fil-lokalita'. Il-Kunsill unanimament approva.

**463.5.3** Il-Kunsillier Charles vassallo qal li bħalissa qed jaħdem dwar l-għeluq tal-evalwazjoni tat-tenders tat-tindif, fejn dak taż-żoni rurali ingħalaq u tal-knis jingħalaq fil-jiem li ġejjin. Hu qal li qed isegwi mal-kuntratturi u mal-works manager ta' kuljum it-tindif skond il-pjan u anka ħafna tindif ieħor ta' rimi illegali. Qal li inġiebu stimi għal ħasil bil-bowzer ta' żoni l-iktar affetwati mill-ħmieġ tal-ħamiem u t-tindif ser isir il-ġimgħa d-dieħla. Bdiet issir l-installazjoni tal-cameras kemm tar-Reġjun u anka dawk tal-Kunsill, u qed issir koordinazzjoni mal-LESA biex ikunu sorveljati minnhom ukoll. Qed jaħdem flimkin mal-amministrattiv fuq upgrade tas-sistema telefonika biex issa saret

upgrade tas-sistema ta' kjuwing għal tmien linji. Hu qal li dan ma jfissirx li ser jiġu risposti iktar telefonati iżda li jkun hemm sistema ta' messaġġi bl-informazzjoni.

**463.5.4** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal waste Reduction Week, b'kollaborazzjoni ma' kok lokali intiż fuq ikel organiku u immaniġjar ta' fdalijiet tal-ikel fejn joħloq riċetti alternattivi biex tiġi evitata ħela ta' ikel.

**463.5.5** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li fl-ambitu ta' sports saret l-ewwel attivita' mar-reġjun Punent u qed jikkoordina għal tournament reġjonali tal-futbol li ser isir fit-13 ta' Diċembru fil-ground tas-Siġġiewi. Hu qal li qiegħed f'kuntatt ma' diversi għaqdiet sportivi fosthom is-Siġġiewi Rowing Club għal possibiltajiet ta' inizjattivi innovattivi fil-futur.

**463.5.6** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li qiegħed f'komunikat mal-kurja dwar l-istudji neċessarji għal-priżervazjoni tal-kappella taċ-Ċwerra, fejn qed nistennew data għal laqgħa dwar issues ta' finanzjamenti. Hu qal li għalissa tkellem b'mod informali dwar diversi inizjattivi u skemi ta' finanzjament. Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa jekk hemmx 'way forward' għax xogħol tal-kappella peress li hemm ħafna ilmenti dwar l-iscaffolding li ilu hemm iktar minn sena u li qed joħloq ħmieġ u periklu. Is-Sindku li konxku ta' daw l-ilmenti iżda nagħmluha ċara li din il-kappella mhix propjeta tal-Kunsill Lokali u li l-unika ħaġa li jista' jagħmel il-Kunsill f'dan l-istadju hu li jikkomunika mal-awtoritajiet biex l-inkonvenjent ikun minimu, iżommu l-iscaffolding in regola u ssir pressjoni biex jimxi l-proċess.

**463.5.7** Riward Jum is-Siġġiewi hu qal qed jistenna komunikat biex jibda' jorganizza. Is-Sindku wieġeb li l-aħjar li l-organizzazjoni ta' Jum is-Siġġiewi tibda wara li jgħaddu l-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsillier Grech qal li rigward restawr ma kellu l-ebda aġġornament. Qal li x-xogħolijiet tal-kappella tal-Għolja mexjin kif pjanat.

**463.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**463.6.1** Ġnien Ramija
Is-Sindku qal li qed jikkomunika mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet rigward ix-xogħolijiet pendenti fil-ġnien ta' Ramija. Hu qal li jonqos id-dwal u l-landscaping li għandu manutenzjoni ta' sentejn. Hu qal li talab kopja tal-ftehim tal-landscaping biex il-Kunsill ikun jista' jsegwi. Skond l-aħħar informazzjoni l-għamara (outdoor furniture) tkun f'postha f'Diċembru u sal-aħħar tas-sena l-proġett għandu jkun magħluq. Is-Sindku qal li kien hemm diversi kummenti fuq il-midja soċjali dwar il-line markings li saru. Qal li iċċekja mal-pjanti kif approvati mill-Awtorita' tal-Ippjanar u kemm il-marki u anka t-tabelli saru kif approvat.

**463.6.2** Xogħol ta' Bankini
Is-Sindku informa li tlestiet l-ewwel bankina tal-ewwel lot, dik fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi u miexi x-xogħol tat-tieni lot fi Triq il-Wied, Papa Pawlu Vi, u Triq Dun Manwel Zammit. Hu qal li wara dawn jibda x-xogħol tat-tielet lot fi Triq Salvatore Mallia, Dun A. Vella u Ġużeppi Agius.

**463.6.3** Ġnien tal-Familja fi Triq Salvu Borg Olivier
Is-Sindku qal li mhux kuntent bil-progress li qed isir fix-xogħolijiet. Hu qal li qed isegwi b'laqgħat kull ġimgħa iżda jidher li x-xogħol miexi bil-mod wisq u fl-aħħar ġimgħat ma kienx hemm progress, filfatt jidher li l-proġett mhux ser ikun terminat sal-aħħar tas-sena. Hu qal li qed isegwi wkoll ix-xogħol ma' Infrastructure Malta fuq in-naħa l-oħra tat-triq fejn tpoġġiet il-kurduna u l-concrete gutter u minflok bankina bil-konkos ser issir filliera siġar. Bħalissa għaddej ukoll xogħol ta' konnessjoni tad-drenaġġ fil-bidu tat-triq.

**463.6.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia daħlet fis-6.40pm.

**463.6.5** Xogħol ieħor

Is-Sindku nforma li bħalissa għaddej xogħol infrastrutturali mill-kuntratturi tal-kunsill, tiswija estensiva ta' Triq il-Panoramika quddiem l-entratura tal-barriera bil-konkos minħabba ħsarat kbar. Ix-xogħol sar bil-konkos mhux biss minħabba kwistjoni finanzjarja iżda peress li minn informazzjoni, din it-triq ser tinbena mill-ġdid fil-futur qarib minn IM bħala parti minn proġett flimkien mal-Kunsill Lokali Ħad Dingli. Ser isir ukoll xogħol ta' tiswija (depression) fi Triq Mons Mikiel Azzopardi faċċata tal-Limestone Heritage, u fi Triq il-Wied. Ser issir ukoll tranġar ta' parti mill-bankina f' Wesgħat il-Palazz li minħabba aċċessibilta' din tinqabad bir-roti ta' vetturi goffi u titkisser u għalhekk ser issir imċanfra biex ikun hemm turning circle.

**463.6.6** Crash barriers

Is-Sindku qal li bħalissa qed insegwu l-installazjoni ta' crash barriers max-Xaqqa Cliffs mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi mill-Koptasin, u installazjoni ta' crash barriers minn Infrastructure Malta mat-telgħa tal-barriera Ta' Belula, għal kwistjoni ta' sigurta'. Din ser itaffi wkoll mill-ispiża żejda li jitla' vann frekwenti biex jiġbor l-iskart tar-residenti t'hemm fuq, minħabba li l-iscammel ma jitlax. Din il-barrier ser tkun miksija bl-injam minħabba estetika.

**463.6.7** Toroq rurali

Is-Sindku informa li ser jitkompla x-xogħol ta' toroq rurali (farmers service roads) minn Infrastructure Malta. Qed isir kuntatt minn IM mal-bdiewa għal min irid jagħmel water catchment biex isir mal-eżekuzzjoni tax-xogħol. Il-Kunsillier Charles vassallo semma l-qlib tat-triq. Is-Sindku wieġeb li il-water catchment isolvi din il-problema. IS-Sindku qal li inħarġet lista tal-ilmenti rreġistrati għal toroq rurali u ġew evalwati bl-iktar urġenti. Hu qal li sar rapport fuqhom u ġew reġistrati fis-sistema tad-dipartiment tax-xogħolijiet. Ġew reġistrati wkoll Parti minn sqaq fi Triq it-Tiġrija, parti minn sqaq fi triq Bur il-Kbir u trejqa f'Tal-Għaqba.

**463.6.8** Reading Garden

Is-Sindku qal li bħal ma diġa' infurmati, il-permess tal-PA inħareġ daqs xahar ilu. Hu qal li dan il-proġett kien inbeda u ħadem fuqu il-Perit Neil Felice, inkluż id-diversi emendi fu il-pjanti sakemm ma l-applikazzjoni ġiet approvata. Għalhekk, propona li bħala perit fuq il-proġett jibqa jaħdem il-Perit Felice għax jaf il-proġett sew. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

**463.6.9** Tindif ta' Widien u żoni ħodor

Is-Sindku informa li bħalsisa qed isir tindif estensiv tal-widien minn Project Green, Ta' Brija u Wied Xkora, sar tindif estensiv tal-qasam bil-makkinarju, tneħħija ta' siġar invażivi, terrapien u mbarazz ieħor. Hu qal li issa l-wied Ta' Brija ġie miftuħ u peress li l-qasab kien anka jservi bħala lqugħ, jiproponi li jiġu installati bollards għal sigurta'. Is-Sindku talab li jinġiebu stimi ta' plastic bollards bir-reflectors.

**463.6.10** Il-Kunsillier Albert Pace daħal fis-6.53pm.

**463.6.11** Laqgħa ma' Ambjent Malta dwar il-Buskett

Is-Sindku qal li saret laqgħa ma' Ambjent Malta dwar diversi xogħolijiet fil-buskett. Hu qal li sar xogħol fuq lattrina ġdida, qed isir xogħol fuq ristrutturar ta' żewġ ġwiebi, infetaħ ċentru għal viżitaturi u qed isir iktar xogħol ta' irranġar u ristrutturar b'fondi mill-gvern ċentrali. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali għandu riżorsa importanti bil-ġonna tal-buskett u importanti li napprezzawh u naraw li jiġi mantnut.

**463.7** **Inizjattiva IM "Vjal Kulħadd"**

**463.7.1** Is-Sindku introduċa fil-laqgħa lill-Perit Matthew Briffa. Hu qal li l-Perit Briffa kien għamel studju dwar il-proposta li ser tiġi preżentata. Hu qal li peress li kien hemm deadline ta' sitt ġimgħat biss minn meta din l-iskema ġiet imħabbra, hemm żmien limitat ħafna, iżda ħafna mix-xogħol kien diġa lest. Is-Sindku stieden lill-Perit Briffa jagħmel preżentazjoni tal-proposta. Il-Perit Briffa preżenta u spjega il-proġett propost fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, li jinkludi il-kriterji kollha rikjesti f'din l-applikazzjoni; estetika, landscaping, rotti tar-roti u tal-mixi, iktar parkeġġi, iktar bus stops, u sigurta. Il-Kunsilliera għamlu d-domandi tagħhom. Dan il-proġett huwa stmat mas-€683,000. Is-Sindku talab vot fuq il-proposta kif preżentata. Il-Kunsill unanimament qabel li tiġi sottomessa l-applikazzjoni tal-proġett kif preżentat.

**463.8** **Approvazzjoni tar-rapport finali tat-Tender Non-Urban u Tender Knis**

**463.8.1** Tender LCS01/2024 Tindif Non-Urban
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rakkomandazjoni tal-bord tal-evalwazzjoni biex it-tender jingħata lill-irħas offerent li kien Anthony Scerri għall-ammont ta' €35,967 annwalment. Il-Kunsill unanimament qabel.

**463.8.2** Tender LCS02/2024 Street sweeping – Dan it-tender għadu qed jiġi evalwat.

**463.9** **Publikazzjoni ta' tenders: Supply and installation of pv panels and batteries (EWA Scheme) u Reading Garden**

**463.9.1** Is-Sindku talab lis-segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretrju Eżekuttiv qalet li għaddej il-proċess għall-publikazzjoni ta' dawn iż-żewġ tenders.

**463.9.2** Rigward it-tender tal-pannelli, hi qalet li dan huwa proġett iffinanzjat mill-EWA u għalhekk il-bord tal-ewalwazjoni għandu jkun compost minn rappreżentanza kemm tal-kunsill u tal-EWA. Is-Sindku propona li l-bord tal-ewalwazjoni fuq it-tender ikun kompost minnu, mill-Kunsillier Charles Vassallo li hu intiż fuq is-suġġett, is-Segretarju Eżekuttiv u 2 rappreżentanti tal-EWA. Il-Kunsill unanimament qabel.

**463.9.3** Is-Sindku propona li l-bord ta' evalwazjoni għat-tender tar-Reading Garden ikun compost minnu, mill-Viċi Sindku, mill-Kunsillier Christopher Farrugia, il-Kunsillier Charles Vassallo bħala chairman u s-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil unanimu.

**463.10** **Impjieg ta' Front-office Clerk Skala 15 – Approvazzjoni tar-rapport tal-bord tal-għażla**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-rapport tal-bord tal-interviews. Wara li sar il-proċess kollu kif indikat fir-rapport, il-bord irrakkomanda l-impjieg tas-Sinjorina M.Cauchi. Il-Kunsill unanimament laqa' r-rakkomandazjoni tal-bord.

Is-Sindku talab li s-Sna. Cauchi tiġi notifikata wkoll biex tattendi għall-attivita' ta' team building tad-19 ta' Novembru.

**463.10.1** **Rinnovar tal-kuntratt tal-Front-office Clerk għar-raba' sena**

Is-Sindku informa li ġie notifikat mis-Segretarju Eżekuttiv li l-kuntratt tal-front office clerk Ms. Mifsud għalqet it-tielet sena tiegħu, u għalhekk iressaq l-approvazzjoni għar-rinovar għar-raba' sena, fejn għalhekk l-impjegata tiġi fuq perijodu indefinit mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Il-Kunsill unanimament approva t-tiġdid.

**463.11** **Sitwazzjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku Pjazza San Nikola u l-madwar**

Is-Sindku qal li din l-item kienet mitluba mill-Kunsillier Christopher Farrugia biex tiġi inkluża fl-aġenda, għalhekk talbu jispjega. Il-Kunsillier Farrugia rrefera għall-problema attwali fi Pjazza San Nikola, l-konfużjoni u l-periklu li jinħoloq minn ipparkjar fin-nofs tal-pjazza. Il-Kunsillier irrefera għal pjan propost kif spjegat mill-Perit qabel għal proġett ta' Vjal Kulħadd, u qal kemm huwa fundamentali li jitwettaq dan il-proġett biex jiġi provdut parkeġġ alternattiv biex tittaffa din il-problema li dejjem qed tigrava. Il-Kunsillier Albert Pace qal li hemm bżonn azzjoni fl-immedjat, u li jiġi attwat il-pjan ta' immaniġġjar one way tat-toroq li jagħtu għal-pjazza ħalli jkun hemm iktar traffic flow. Il-Kunsillier Chris Farrugia qal li is-sitwazzjoni ta' bħalissa ma tistax tiġi infurzata peress li kif qalulna l-pulizija peress li m'hemmx senjaletika, multi qed jiġu koontestati u mirbuħa, għalhekk hu ma jaqbilx magħha u jaħseb li ma tagħmilx sens. Is-Sindku qal li fir-rejalta il-kuntest tal-one way kif ġiet approvata ma tagħilx sens mal-kumplament tal-flow tat-traffiku u għalhekk ma ġietx implimentata. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li fil-fatt kienu ġew preeżentati żewġ opzjonijiet meta saret il-proposta. Is-Sindku qal li meta tiġi attwata ir-rotta l-ġdida tal-karozzi tal-linja u titneħħa l-venda tal-karozzi mill-pjazza, tiġi riżolta l-problema tal-ħsara fuq iz-zuntier, u anka jiġu servuti iktar nies li joqogħdu f'ċerti bnadi fir-raħal. Is-Sindku qal li trid issir reviżjoni tal-pjanta u ssir proposta ta' arranġament ċirkulari mill-ġdid.

**463.12** **Proċess ta' applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar: Lattrina Pjazza San Nikola**

Is-Sindku irrefera għar-rapport tal-ħsarat attwali li hemm fil-lattrina tal-pjazza. Hu qal li kien hemm fondi mir-Reġjun iżda din il-lattrina ma ġietx eliġibbli peress li mhux aċċessibbli. Is-Sindku qal li il-lattrina tintuża u qegħda fil-pjazza u ma tistax titħalla tiddeterjora. Hu propona pjanti biex tinbena mill-ġdid, u jkollha aċċessibilta'. Is-Sindku propona li jinbeda process għall-applikazzjoni mal-awtorita' tal-Ippjanar, biex eventwalment meta jinħareġ il-peress, il-kunsill jara xi skemi hemm għall-iffinanzjar. Il-Kunsill unanimament qabel.

**463.13** **Attivita' Milied 2024**

**463.13.1** Is-Sindku qal li flimkien mal-Viċi Sindku qed jitfassal il-kalendarju ta' attivitajiet tal-Milied kif ġej:

6 ta' Diċembru – Purċissjoni tat-tfal għal festa liturġika
7 ta' Diċembru – ftuħ tal-festivita'
12 ta' Diċembru – kunċert korali fil-parroċċa
13 ta' Diċembru – filgħodu - tournament tal-futball mar-reġjun Punent
13 ta' Diċembru – filgħaxija – villaġġ tal-Milied
21 ta' Diċembru – għoti ta' Rigali mill-Kunsill tat-Tfal u Ekoskola
29 ta' Diċembru – Maratona t'għeluq is-sena b'risq id-dar tal-providenza

**4631.13.2** Is-Sindku qal li avviċinawh grupp ta' atleti siġġiwin li ressqu l-proposta biex issir maratona ta' għeluq is-sena b'risq id-Dar tal-providenza. Ir-rotta tibda u tispiċċa fid-Dar stess. L-ispiża totali stmata li tkun mal-elfejn ewro. Is-Sindku qal li jħeġġeġ attivitajiet bħal dawn u sabiħa li din tidħol fil-kalendarju lokali.

**463.14** **Attivita' Vjal il-Ktieb fit-30 ta' Novembru 2024**

**463.14.1** Is-Sindku qal li qed isir koordinament għal din l-attivita' mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, ir-Reġjun Punent, u l-Aġenzija Appoġġ. Hu qal li sar qbil li titpoġġa librerija miftuħa fil-post u tkun ikkurata minn residenta, fejn l-Aġenzija tal-Litteriżmu ser jiprovdu xi vouchers lil din il-persuna. Il-librerija saret minn persuni bi bżonnijiet speċjali b'koordinament mal-Aġenzija Appoġġ li anka ser ikunu qed jiprovdu xi kotba. L-attivita' ser tkun maqsuma f'sezzjonijiet, etajiet, u ser ikun hemm logħob tradizjonali u divertiment għat-tfal. Ser issir pomozzjoni ta' awturi u kittieba lokali.

**463.15** **Mozzjoni – Talba għal xogħol għall-immaniggjar ta' traffiku ahjar fi Triq l-Mqabba u Triq ta' Bur il-Kbir**

**463.15.1** Is-Sindku qara l-mozzjoni:

Billi matul l-aħħar gimgħat is-sitwazzjoni tat-traffiku matul il-ħinijiet tal-gurnata, fi Triq l-l-Mqabba u Triq ta' Bur il-Kbir (ara Anness Dok.A), qed ikollna konġestjoni ta' traffiku tant li numru ta' vetturi jridu jistennew, jsuqu lura jew iċedu lil xulxin;

Billi numru ta' sewwieqa qed jużaw dawn it-toroq bħala rotta alternattiva minn naħa ta' isfel ta' Malta għan-naħa ta' fuq u vice-versa, sabiex jevitaw toroq arterjali u distributorji oħra;

Billi din is-sitwazzjoni qed twassal għal relimi ta' aċċess għar-residenti tas-Siġġiewi, li jsibu traffiku wieqaf meta jkunu ghadhom lanqas biss ħargu mil-lokalita tagħhom;

Billi din is-sitwazzjoni qed twassal biex numru ta' vetturi, b'mod partikolari vetturi kbar HGV; sabiex juzaw il-qalba tas-Siġġiewi, u cioe', toroq residenzjali u jevitaw it-traffiku mwaħħal fi Triq l-Bur il-Kbir;

Billi Infrastructure Malta diġa għamlu eżerċizzju simili ta' twessih fi Triq it-Tigrija u Triq ta' Ħal Farruġ, liema toroq imissu ma' Triq l-Mqabba u Triq ta' Bur il-Kbir rispettivament;

Billi Infrastructure Malta għal dawn l-aħħar snin diġa kellhom il-pjanti teknici tax-xogħol bżonnjuż;

*Billi dan l-istatus quo qed iwassal mhux biss għal traffiku imwaħħal imma wkoll għal nuqqas ta' sigurta' u immaniġjar xieraq.*

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum 28 ta' Ottubru 2023:
1. Jirriżolvi li għandu jitlob lil Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kap Ezekuttiv ta' Infrastructure Malta sabiex, skond pjanijiet u disinji li huma diġa fasslu, jipproċedu bl-implimentazzjoni.
2. Jirriżolvi li għandu jitlob lil Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kap Ezekuttiv ta' Transport Malta, sabiex bħala entita' regolatur u responsabbli milqasam tat-traffiku u l-immaniġġjar tiegħu, jpoġġu bħala prijorita' dawn iż-żewġ toroq imsemmija fil-qafas tal-vehicular road network ta' pajjizna.
3. Jirrizolvi li għandu jitlob l-intervent tal-membri parlamentari kollha eletti mid-distrett li minnu jifforma is-Siġġiewi sabiex b'interess għar-residenti tas-Siġġiewi jaraw li jiskatta dan il-process mil-aktar fis għal road network ta' kwalita' fil-lokalita' tas-Siġġiewi;

Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha tintbagħat lil Prim Ministru ta' Malta, lill-Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi, lil Kap Ezekuttiv ta' Infrastructure Malta, lil Kap Ezekuttiv ta' Transport Malta, lill-Membri Parlamentari kollha eletti mid-distrett li minnu jifforma parti s-Siġġiewi, kif ukoll tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir.

**463.15.1** Proponent: Is-Sindku Julian Borg
Sekondanti: Il-Viċi Sindku Ryan Cachia, il-Kunsilliera Francine Farrugia u Charles Vassallo

**463.15.2** Il-Kunsillier Christopher Farrugia talab sospensjoni tas-Seduta biex tkun tista ssir diskussjoni. Is-Sindku issospenda is-Seduta fit-8.20pm.

**463.15.3** Is-Sindku kompla s-Seduta fit-8.35pm.

**463.15.4** Il-Kunsillier Christopher Farrugia ressaq emenda għal mozzjoni. Il-Kunsilliera Dominic Grech u Albert Pace isskondaw l-emenda.

**463.15.5** Li titneħħa s-sentenza:

"*Billi dan l-istatus quo qed iwassal mhux biss għal traffiku imwaħħal imma wkoll għal nuqqas ta' sigurta' u immaniġjar xieraq*" u minflokha tiġi

"*Billi fl-aħħar leġiżlatura ta' dan il-Kunsill Lokali diġa kienu seħħew diskussjonijiet preliminari dwar il-possibilita' li jsir u jibda dan il-proġett bl-imsemmija interventi;*
*Billi dan qed iwassal mhux biss għal traffiku imwaħħal imma ukoll għal nuqqas ta' sigurta' u immaniġġjar xieraq;*"

Il-mozzjoni tiġi taqra hekk:

Billi matul l-aħħar gimgħat is-sitwazzjoni tat-traffiku matul il-ħinijiet tal-gurnata, fi Triq l-l-Mqabba u Triq ta' Bur il-Kbir (ara Anness Dok.A), qed ikollna konġestjoni ta' traffiku tant li numru ta' vetturi jridu jistennew, jsuqu lura jew iċedu lil xulxin;

Billi numru ta' sewwieqa qed jużaw dawn it-toroq bħala rotta alternattiva minn naħa ta' isfel ta' Malta għan-naħa ta' fuq u vice-versa, sabiex jevitaw toroq arterjali u distributorji oħra;

Billi din is-sitwazzjoni qed twassal għal relimi ta' aċċess għar-residenti tas-Siġġiewi, li jsibu traffiku wieqaf meta jkunu ghadhom lanqas biss ħargu mil-lokalita tagħhom;

Billi din is-sitwazzjoni qed twassal biex numru ta' vetturi, b'mod partikolari vetturi kbar HGV; sabiex juzaw il-qalba tas-Siġġiewi, u cioe', toroq residenzjali u jevitaw it-traffiku mwaħħal fi Triq l-Bur il-Kbir;

Billi Infrastructure Malta diġa għamlu eżerċizzju simili ta' twessih fi Triq it-Tigrija u Triq ta' Ħal Farruġ, liema toroq imissu ma' Triq l-Mqabba u Triq ta' Bur il-Kbir rispettivament;

Billi Infrastructure Malta għal dawn l-aħħar snin diġa kellhom il-pjanti teknici tax-xogħol bżonnjuż;

*Billi fl-aħħar leġiżlatura ta' dan il-Kunsill Lokali diġa kienu seħħew diskussjonijiet preliminary dwar il-possibilita' li jsir u jibda dan il-proġett bl-imsemmija interventi;*
*Billi dan qed iwassal mhux biss għal traffiku imwaħħal imma ukoll għal nuqqas ta' sigurta' u immaniġġjar xieraq*

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum 28 ta' Ottubru 2023:
1. Jirriżolvi li għandu jitlob lil Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kap Ezekuttiv ta' Infrastructure Malta sabiex, skond pjanijiet u disinji li huma diġa fasslu, jipproċedu bl-implimentazzjoni.
2. Jirriżolvi li għandu jitlob lil Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kap Ezekuttiv ta' Transport Malta, sabiex bħala entita' regolatur u responsabbli mil-qasam tat-traffiku u l-immaniġġjar tiegħu, jpoġġu bħala prijorita' dawn iż-żewġ toroq imsemmija fil-qafas tal-vehicular road network ta' pajjizna.
3. Jirrizolvi li għandu jitlob l-intervent tal-membri parlamentari kollha eletti mid-distrett li minnu jifforma is-Siġġiewi sabiex b'interess għar-residenti tas-Siġġiewi jaraw li jiskatta dan il-process mil-aktar fis għal road network ta' kwalita' fil-lokalita' tas-Siġġiewi;

Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha tintbagħat lil Prim Ministru ta' Malta, lill-Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi, lil Kap Ezekuttiv ta' Infrastructure Malta, lil Kap Ezekuttiv ta' Transport Malta, lill-Membri

Parlamentari kollha eletti mid-distrett li minnu jifforma parti s-Siġġiewi, kif ukoll tiġi ppubblikata bħala stqarrija għall-mezzi tax-xandir.

**463.15.6** Wara diskussjoni, is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni kif emendata. Il-mozzjoni emendata ġiet unanimament approvata.

**463.16** **Mozzjoni – Proprjeta' għall-Komunita' Siġġiwija ( Palazz / Dar Ta' Fiefu)**

**463.16.1** Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Christopher Farrugia jaqra l-mozzjoni.

Mozzjoni sabiex il-Proprjeta' magħrufa bħalha l-Palazz ta' Fiefu tingħata
lill-Komunita' Siggiwija
Billi wkoll tezisti proprjeta' pubblika, cioe' il-'Palazz ta Fiefu', nru 57 Triq il Kbira, Siġġiewi.
Billi rigward li din il proprjeta' issa waqgħet f'idejn il Gvern .
Billi din il-propjeta' elenkata hawn fuq, tikkonsisti wkoll f'numru kbir ta' kmamar u ġonna.
Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 28 ta' Ottobru 2024;

1. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jaġġixxi sabiex din il-proprjeta' msemmija hawn fuq, cioe il-'Palazz ta Fiefu', nru 57 Triq il Kbira, Siġġiewi, tgħaddi / tigi devoluta lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.
2. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi sabiex wara li jaġġixxi għall-din il-proprjeta' msemmija hawn fuq, cioe il-'Palazz ta Fiefu', nru 57 Triq il Kbira, Siġġiewi, jiġi mfassal pjan għall-aħjar użu ta' din il-proprjeta' lejn il-komunita' Siġġiwija.

**463.16.2** Jiproponi l-Kunsillier Christopher Farrugia.
Jissekondaw il-Kunsillier Dominic Grech u l-Kunsillier Albert Pace

**463.16.3** Is-Sindku issospenda is-Seduta fit-8.40pm peress li kien hemm persuni fil-pubbliku interessati li xtaqu jitkellmu. Is-Sindku kompla s-seduta fit-8.50pm. Is-Sindku propona li din il-mozzjoni tiġi diskussa darb'oħra. Il-Kunsill qabel.

**463.17** **Mozzjoni sabiex issir tifkira forma ta' plakka (jew simili) b'risq is-Sur Neil Agius (għawwiem)**

**463.17.1** Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Christopher Farrugia jaqra l-mozzjoni.

Mozzjoni sabiex tikkomemora l-għawma storika mwettqa mill għawwiem Malti is-Sur Neil Agius

Billi nhar it-23 ta' Settembru tal-2024, l-għawwiem Malti is-Sur Neil Agius wettaq għawma
li kisret record dinji ta' 140km, għawma mingħajr waqfien għal sittin siegħa u ħamsa u
tlettin minuta kontinwi, madwar il-gżejjer ta' Malta, Għawdex u Kemmuna;
Billi din l-għawma ġiet rikonoxxuta u rratifikata mill-World Open Water Swimming Association (WOWSA), f'Settembru ta' din is-sena;
Billi din l-għawma storika ġiet fi tmiema fil-Bajja ta' Għar Lapsi, fis-Siġġiewi;
Billi dan l-avveniment apparti li hu ta' unur kbir għas-Sur Agius, iżda wkoll hu ta' unur kbir
għal Poplu Malti u Għawdxi kollu,
Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum It-Tnejn 28 ta' Ottubru 2024;
1. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għandu jikkommemora permezz ta' plakka kommemorattiva' fil-Bajja ta' Għar Lapsi, dan l-avveniment storiku li jagħmel ġieħ lil Pajjiżna;
2. Jirriżolvi li jistieden lis-Sur Neil Agius sabiex jkun preżenti meta tiġi inawgurata din

il-plakka kommemorattiva;
3. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jonora b'rikonoxximent lis-Sur Neil Agius waqt s-Serata Mertu Onorefiċenza f'Marzu 2025;

**463.17.2** Jiproponi l-Kunsillier Christopher Farrugia.
Jissekondaw il-Kunsillier Dominic Grech u l-Kunsillier Albert Pace

**463.17.3** Is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni. Il-Mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**463.18** **Diskussjoni dwar titlu ta' Sportiv tas-Sena fis-Siġġiewi.**

**463.18.1** Is-Sindku qal li din l-item ġiet inkluża fl-aġenda fuq talba tal-Kunsillier Christopher Farrugia, għalhekk talbu jispjega. Il-Kunsillier Farrugia qal li jkun xieraq jekk darba f'sena jingħata rikonoxximent lil persuna lokali li tkun iddistingiwt ruħha fil-kamp sportiv. Il-Viċi Sindku qal li din tista' tiġi inkluża fir-rokonoxximenti fis-Serata tal-Onorefiċenza f'Marzu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**463.19** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**463.19.1** Is-Sindku ddikjara kunflitt fuq PA5555/24.

**463.20** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**463.21** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**463.22** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**463.23** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**463.23.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo informa li hemm tabella b'informazzjoni marittima f'Għar Lapsi li tilfet il-kulur.

**463.23.2** Il-Kunsillier Albert Pace staqsa dwar id-dwal tal-parkeġġ ta' Għar Lapsi għax ikun hemm dlam ċappa.

**463.24** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.10 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 18 ta' Novembru 2024

Julian Borg
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv